

Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0008 (COD)

9858/25
ADD 1 REV 1

SOC 363
STATIS 46
CODEC 750

ABBOZZ TA' DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013
- Abbozz ta' Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 862/2007 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 763/2008 u (UE) Nru 1260/2013¹ (ir-Regolament ESOP).
2. Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi qafas armonizzat għall-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni billi tintegra l-istatistika eżistenti dwar id-demografija, il-migrazzjoni u ċ-ċensimenti. Hija tfittex li ttejjeb il-komparabbiltà, it-tempestività u r-rilevanza tad-data fl-Istati Membri kollha, filwaqt li tappoġġa l-politiki tal-UE relatati mat-tibdil demografiku, il-koeżjoni soċjali, u l-iżvilupp sostenibbli.

¹ ST 5588/23

3. Il-proposta ġiet eżaminata f'għadd kbir ta' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika.
4. Fil-21 ta' Ġunju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I) approva l-mandat ta' negozjar u, abbażi ta' dan, stieden lill-Presidenza biex tibda negozjati mal-Parlament Ewropew, bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva mandat rivedut² fis-6 ta' Marzu 2024, u fis-7 ta' Mejju 2025 ipprova gwida fir-rigward tat-triq 'il quddiem³ fin-negozjati mal-Parlament.
6. Il-Parlament Ewropew adotta r-rapport tiegħu fil-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (il-Kumitat EMPL) fit-2 ta' Ottubru 2023 u kkonfermah fil-Plenarja fit-18 ta' Ottubru 2023. Fl-24 ta' April 2024, il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ffit qabel il-konklużjoni tad-disa' Leġiżlatura tal-Parlament Ewropew.
7. In-negozjati mal-Parlament bdew f'Novembru 2023 matul il-Presidenza Spanjola u komplew matul il-Presidenza Belġjana u dik Pollakka. Kien hemm waqfa fin-negozjati minn nofs Marzu 2024 sa tmiem l-2024, inizjalment minħabba l-bidla fiċ-ċiklu leġiżlattiv tal-Parlament Ewropew, u sussegwentement minħabba l-ammont ta' xogħol assoċjat mal-ħatra tal-Kummissjoni l-ġdida.
8. Fit-12 ta' Mejju 2025, fil-ħames trilogu, it-timijiet ta' negozjar tal-Kunsill u tal-Parlament laħqu ftehim proviżorju.
9. Fit-28 ta' Mejju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti I) analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u kkonfermah⁴.

² ST 7138/1/24 REV 1

³ ST 8117/25

⁴ ST 9153/25

10. Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat EMPL tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-ftehim politiku, u fis-6 ta' Ġunju 2025 il-President tal-Kumitat EMPL baġtet ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova r-Regolament fl-ewwel qari, wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

II. ELEMENTI TAL-FTEHIM PROVIŻORJU

11. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim abbażi ta' pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari li l-Parlament jista' japprova mingħajr emendi fit-tieni qari tiegħu. It-test tal-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġislaturi, assistiti mill-Kummissjoni Ewropea.

Bażi tal-Popolazzjoni

12. Il-bażi tal-popolazzjoni kienet waħda mill-aktar elementi sensittivi, politikament u teknikament, tal-proposta. Il-kompromess finali jinkludi l-obbligu li jiġu applikati metodi ta' stima għall-popolazzjoni totali fil-livell nazzjonali biss. Dan l-obbligu japplika speċifikament għal tliet suġġetti statistiċi: "Il-karatteristiċi bażiċi tal-persuna", "Il-karatteristiċi soċjoekonomiċi tal-persuna" u "Is-sitwazzjoni tal-unità domestika tal-persuna". Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jużaw kategorija ta' aġġustament iddedikata fejn ikunu disponibbli stimi ulterjuri. Din l-għodda ta' aġġustament komplementari iżda volontarja tippermetti lill-Istati Membri jistmaw it-totali tal-popolazzjoni filwaqt li jirrikonoxxu l-lakuni fid-data. Fejn tintuża din il-kategorija ta' aġġustament, l-Istati Membri huma meħtieġa jispjegaw il-metodoloġija tagħhom u jiġġustifikaw l-użu tagħha fir-rapporti ta' kwalità ta' akkumpanjament.

13. Fir-rigward taċ-ċifri tal-popolazzjoni għall-ħtiġijiet tal-Votazzjoni b'Maġġoranza Kwalifikata (VMK), il-Eurostat ser jipprovdi lill-Kunsill bil-popolazzjoni totali ta' kull Stat Membru sat-30 ta' Settembru ta' kull sena, abbażi tad-data ppreżentata mill-Istati Membri kif deskritt fl-Anness tar-Regolament. L-Istati Membri jistgħu jirrevedu ċ-ċifri taġġhom sal-1 ta' Settembru ta' kull sena.

Gruppi tal-Popolazzjoni Diffiċli Biex Jintlaħqu

14. Il-ftehim proviżorju jintroduċi definizzjoni ta' gruppi tal-popolazzjoni diffiċli biex jintlaħqu, b'referenza għall-ostakli eżistenti għall-inklużjoni jew identifikazzjoni sħiħa u rappreżentattiva ta' ċerti individwi fid-data statistika. Dan it-terminu huwa inkluż fil-premessi u fil-parti operattiva, bl-intenzjoni li jissaħħu l-isforzi biex tittejjeb il-kopertura statistika ta' dawn il-gruppi fil-popolazzjoni.
15. Sabiex tiġi appoġġata kopertura mtejba, it-test ta' kompromess jinkludi dispożizzjonijiet għal studji pilota u ta' fattibbiltà bil-għan tal-valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' data dwar gruppi bħal persuni f'istituzzjonijiet, individwi mingħajr dar, u persuni b'diżabilità. Dawn l-istudji ser jesploraw metodoloġiji xierqa filwaqt li jirrispettaw l-istandards tal-protezzjoni tad-data u jqisu l-kapaċitajiet nazzjonali.

Derogi

16. Fejn l-applikazzjoni tar-Regolament, jew l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni tiegħu, jirrikjedu li jsiru adattamenti kbar fis-sistemi nazzjonali tal-istatistika, l-Istati Membri jistgħu jitolbu deroga għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn tliet snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni ta' darba ta' mhux aktar minn tliet snin oħra, dment li tingħata ġustifikazzjoni suffiċjenti.

Salvagwardji

17. Il-ftehim proviżorju jintroduċi salvagwardji kwalitattivi aġġustati għall-ispeċifitàjiet tal-pjan ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati (ESOP). Dawn is-salvagwardji jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda trikkib bla bżonn bejn id-data miġbura skont ir-Regolament ESOP u dik miġbura għar-Regolament IESS⁵. Barra minn hekk, it-test ta' kompromess jeskludi l-ġbir ta' data li min-natura tagħha tista' tinkiseb biss direttament minn individwi permezz ta' stħarriġ.
18. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni, il-ftehim preliminari jistabbilixxi regola ġenerali li l-atti ta' implimentazzjoni jridu jiġu adottati mill-inqas 18-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza rilevanti. Japplikaw żewġ eċċezzjonijiet: l-atti ta' implimentazzjoni għall-ewwel żminijiet ta' referenza ser jiġu adottati mhux aktar tard minn 12-il xahar qabel l-ewwel żminijiet ta' referenza filwaqt li l-atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw id-data ta' ċensiment għandhom jiġu adottati mill-inqas 24 xahar qabel id-data ta' referenza.

Ġbir ta' Data Ad Hoc

19. Il-ftehim preliminari jistabbilixxi mekkaniżmu strutturat għall-ġbir ta' data addizzjonali. Dan il-ġbir, li huwa maħsub biex jindirizza talbiet statistiċi mhux mistennija ta' żmien qasir jew relatati ma' kriżi, huwa stabbilit permezz ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni miżjuda fl-Artikolu 5.
20. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità u jiġi evitat tfixkil fil-ħidma statistika li għaddeja, japplikaw il-limitazzjonijiet li ġejjin: a) kull ġabra ta' data temporanja tista' ddum sa mhux aktar minn tliet snin, b) irid ikun hemm intervall ta' mill-inqas sentejn bejn żewġ gābriet sussegwenti u c) il-ġbir ta' data temporanja ma jistax jaħbat ma' perjodi ta' referenza ta' ċensimenti.

Anness

21. L-Anness jiddeskrivi r-rekwiżiti statistiċi, il-perjodiċità, id-diżagregazzjonijiet territorjali u l-iskadenzi tat-trażmissjoni li jissalvagwardjaw il-fattibbiltà u l-kwalità għolja tad-data.

⁵ [Ir-Regolament \(UE\) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni \(Regolament IESS\)](#)

22. Tqies li l-perjodiċità ta' sitt xhur u d-data annwali dwar il-karatteristiċi soċjoekonomiċi ma kellhomx valur statistiku li jiġġustifika l-piż li kienu ser ipoġġu fuq is-sistemi nazzjonali tal-istatistika, għalhekk dawn tħassru.
23. It-test ta' kompromess jikkonferma li d-data dwar il-karatteristiċi tal-bini relatati mal-enerġija ser tittieħed esklużivament minn bażijiet tad-data nazzjonali, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1275. Din id-dispożizzjoni tiżgura ċarezza legali u tevita l-introduzzjoni ta' obbligi ġodda ta' rapportar.
24. Inżammet skadenza tat-trażmissjoni T+ 24 xahar għall-aktar settijiet ta' data kumplessi, fost l-oħrajn, dawk miġbura fuq bażi ta' kull għaxar snin, dawk taħt id-dominju "Familji u unitajiet domestiċi", u s-settijiet ta' data pluriennali bil-LAU⁶ bħala l-livell territorjali.
25. Għal ċerti settijiet ta' data annwali u pluriennali, huwa stabbilit perjodu tranżizzjonali, sal-2035. Għal ċerti settijiet ta' data annwali, ser tapplika skadenza ta' 12-il xahar sal-2035, li warajha l-iskadenza ser titnaqqas għal 10 xhur. Għas-settijiet ta' data pluriennali, l-iskadenza ser tibqa' 24 xahar sal-2035 u tinbidel għal 18-il xahar wara dan. Dawn il-perjodi tranżizzjonali ser jiżguraw implimentazzjoni gradwali u fattibbli.
26. Għet stabbilita skadenza ta' 120 jum għad-data trimestrali dwar l-immigranti kif ukoll skadenza ta' 60 jum għad-data annwali dwar it-total tal-popolazzjoni u għal avvenimenti vitali.

Data tal-Applikazzjoni u l-Ewwel Sena ta' Referenza

27. Peress li dan ir-Regolament ser jiġi adottat aktar tard milli kien previst inizjalment, id-data tal-applikazzjoni hija stabbilita għall-1 ta' Jannar 2028. Konsegwentement, is-sena 2027 ser tkun l-ewwel sena ta' referenza għall-ġbir tad-data skont ir-Regolament.

⁶ [L-unitajiet amministrattivi lokali \(LAUs\) jintużaw biex jaqsmu t-territorju tal-UE bl-għan li jipprovdu statistika fil-livell lokali. Huma diviżjonijiet amministrattivi ta' pajjiż, li jkunu fl-livell inqas minn dak ta' provinċja, reġjun jew stat.](#)

III. KONKLUŻJONI

28. Il-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tirrifletti b'mod sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
29. Dan il-kompromess huwa kkonfermat permezz tal-ittra li l-President tal-Kumitat EMPL indirizzat lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-6 ta' Ġunju 2025. F'dik l-ittra, il-President tal-Kumitat EMPL tindika li ser tirrakkomanda lill-membri tal-Kumitat, u sussegwentement lill-plenarja, biex jaċċettaw il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet.
-